Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru. RGĦ 41/14

**Minuti tal-41 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 13 ta' Mejju 2014.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-5:30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; il-President Samuel Azzopardi, il-Viċi President Joseph Sultana, u l-membri, Mario Azzopardi, Daniel Attard, Frans Cauchi, Paul Azzopardi, Salvu Borg, Anthony Formosa, Charles Said u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv). Skużat – Nicky Saliba (membru)

1. **Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

1. Intqalet t-talba. Il-minuti ma nqrawx peress illi ntbgħatu minn qabel. Frans Cauchi tniżżel skużat peress illi fl-aħħar laqgħa kien informa minn qabel li ma setax jattendi. Il-minuti ġew approvati unanimament.

2. Paul Azzopardi (membru) staqsa jekk kienx hemm risposta rigward l-ittra illi nkitbet lil Onor. Buontempo. Is-segretarju qal illi fir-risposta tiegħu s-Segretarju Parlamentari qal illi ser jiddiskutu r-rapport finanzjarju tar-Reġjun mal-*advisor* tiegħu.

2. **Korrispondenza**

2.1 Mingħand il-Malta Records sabiex jiltaqgħu mal-Kumitat Reġjonali sabiex tiġi diskussa l-possibiltà illi jiġi organizzat avveniment ġewwa Għawdex. Il-membri aċċettaw illi ssir il-laqgħa qabel il-laqgħa li jmiss.

2.2 Minghand l-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali sabiex issir laqgħa bejn il-Fondazzjoni Valletta 2018 u rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali. Il-laqgħa ser issir nhar it-3 ta' Ġunju 2014.

2.3 Mid-Dipartiment sabiex jinfurmaw illi għaddew l- €2000 sabiex ikopru l-ispejjeż għal meta sar il-*weekend* ta' infurzar edukattiv f' Għawdex.

2.4 Mingħand Remigio Bartolo – Focal Point Manager - European Agency for Safety and Health at Work talab sabiex issir laqgħa mal-membri tar-Reġjun dwar is-suġġett 'Construction: the role of the Local Councils.

3 **Proġett tas-*SignPostings* fil-lokalitajiet maħruġ mil-Local Action Group**

3.1 Wara illi s-Segretarju spjega fil-qosor x'jikkonsisti dan il-proġett, saret diskussjoni ta' kif jista' jiġi finanzjat. Is-segretarju spjega illi peress li r-Reġjun ser ikollu problema ta' *cash flow* sabiex joħroġ it-80% sakemm imbgħad ikun hemm ir-*reimbursement,* kien hemm suġġeriment sabiex dawn il-flus joħorġu mill-kunsilli lokali skont is-signs li jeħħlu fil-lokalità rispettiva. Il-membri preżenti ma qabblux ma din il-proposta. Joseph Sultana (Viċi President) issuġerixxa illi napplikaw għal *co-financing.* Huwa saqsa wkoll jekk hux possibli illi parti mill-fondi allokati għal dan il-proġett imorru

sabiex issir preparazzjoni. Is-Segretarju għandu jikkuntatja lill-manager tal-GAGF dwar dan.

3.2 Saviour Borg informa illi kellu jitlaq mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

**4 Memorandum of Understanding mar-Reġjun tal-Emilia Romagna**

4.1 Is-segretarju preżenta abbozz ta' *Memorandum of Understanding* tradott għall-Ingliż illi nqara mill-President. Dan il-memorandum maqsum f'sitt artikli u jiffoka fuq kooperazzjoni f'diversi oqsma bejn iż-żewġ Reġjuni. Dan l-abbozz juri illi dan il-memorandum għandu jiġi iffirmat bejn il-Presidenti tar-Reġjuni rispettivi. Il-President qara l-abbozz kollu u kien hemm qbil unanimu dwaru.

**5. Risposta għall-Management Letter**

5.1 Il-Kumitat Reġjonali ddiskuta ir-risposta kif abbozzata mis-Segretarju Eżekuttiv. Qamet diskussjoni qasira dwar is-sitwazzjoni finanzjarja. Is-segretarju nforma illi ntbgħatet ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor Stefan Buontempo kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa.

**6 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

6.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 29 illi tammonta għall-€29,995.65 ġiet approvata kif annessa ma dawn il-minuti.

**7. Materji Oħra**

7.1 Frans Cauchi (membru) stqarr illi l-Kunsill Lokali t' Għajnsielem beda jirċievi kontijiet tad-dawl u l-ilma indirizzati lid-Dipartiment tal-Ambjent. Il-kontijiet huma relatati mal-*public convenience* fil-lokalità. Membri oħrajn ikkonfermaw illi irċivew l-istess kont. Qamet diskussjoni dwar din it-tema. Ġie nnotat illi f'dan ir-rigward ma kienx hemm transfer tal-meter għal fuq il-kunsill, u kontijiet illi mhumiex inidrizzati lill-kunsill lokali ma jistgħux jiġu mħallsa skont il-proċeduri finanzjarji. Għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni illi niktbu lid-Dipartiment tal-Ambjent dwar dan il-fatt.

7.2 Paul Azzopardi (membru) issuġerixxa illi dwar il-ftuħ tal-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali kull nhar ta' Sibt filgħodu għandha tkun deċiżjoni tal-Kunsill partikolari. Ir-raġuni hija illi mhux kull kunsill għandu l-ħtieġa illi jiftaħ is-Sibt filgħodu. Għalhekk għandu jsir suġġeriment lis-Segretarju Parlamentari sabiex tingħata l-fakulta' lill-Kunsilli Lokali illi jaraw huma hemmx il-ħtieġa illi Kunsill Lokali jiftaħx fil-ġurnata tas-Sibt jew le.

7.3 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 pm u l-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2014 fil-5:30 pm.

Dr Samuel Azzopardi
President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv